MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 112/2007

Il-Pulizija
Vs
Matthew Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-27 ta' Jannar, 2007, ghall-habta tal-4.30 hrs, fi Triq Marina, Pieta',
1) saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura numru GBC-739 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura numru GBC-739 fit-triq jew f'post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Marzu, 2007, li biha wara li rat l-artikoli 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-piena ta’ mitejn lira Maltin (LM200) multa, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-artikoli 15H(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-23 ta’ Marzu, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma, fil-qosor, is-segwenti, w cioe' li ma gewx segwiti l-formalitajiet rikjesti mill-artikolu 15E tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta, liema formalitajiet huma rikjesti ad validitataem sabiex persuna tinstab hatja taht l-artikoli 15A u 15B. Ma jidhrix li ttiehdu zewg kampjuni izda kampjun wiehed u di piu' ma jirrizultax dak li titlob il-ligi fl-artikolu 15E (5) fejn il-ligi titlob li xi analisi ta' xi kampjun li jinghata skond id-dispozizzjoni tas-subartikolu precedenti ghandu jsir f' laboratorju w tinghata opinjoni ta' analista f' dak il-laboratorju. Li l-prova li ngiebet ma hix konformi ma dak li tirrikjedi l-ligi. Il-ligi ma tiddistingwix bejn kampjun li jittiehed bin-nifs jew inkella bl-urina. Allura dak li gie esebit fil-Qorti w allura d-dokument intitolat bhala Breath Alcohol Test Record ma jikkonformax ma dak li trid il-ligi sabiex tingieb l-ahjar prova skond din il-ligi specjali. Illi apparti dan, isem l-imputat fir-rapport in kwestjoni hu mnizzel bhala "Matthew" b' T wahda u mhux doppja TT u dan ghaliex mhuwiex l-isem preciz tal-persuna imputata.

Semghet ix-xiehda mil-gdid fl-udjenza tal-21 ta' Gunju , 2007;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi tal-Prosekuzzjoni huma dawk migjuba bl-affidavit u *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Mill-Affidavit ta' **PC1567 Patrick Fenech** jirrizulta li fis-27 ta' Jannar, 2007, ghall-habta tal-4.30am, waqt li hu kien fuq patrol, raw vettura bin-numru GBC 739 li kienet fuq ic-centre strip ta' Triq Marina, Pieta', ftt boghod minn Sa Maison . Sar breathalyser (test) fuq l-post u dan ta rizultat ta' 79ug. Ghalhekk is-sewwieq gie mehud tad-Depot ghall-breathalyser (test) ufficjali. Fil-breathalyser room tad-Depot tal-Pulizija, is-Surgent Maggur 45 talbet il-partikolaritajiet lil Mathew Calleja fejn dan ta dawn id-dettalji : Calleja Mathew, imwieled fid-29 t' April, 1986 u joqghod Ewfrat, Triq il-Mustarell, Attard, I.D. card numru 193786M . Gie spjegat lil Calleja kif u ghaliex isir it-test u din il-persuna issottomettiet ruha ghal dan it-test li n-numru tieghu hu JJ/10240/2007. Ir-rizultat gie 76ug. Is-Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo hadet zball meta kienet qed tikteb informazzjoni ghax in-numru tal-vettura ghandu jaqra GBC 739 u mhux GBC 379.

Mill-Affidavit tas-**Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo** jirizulta li fis-27 ta' Jannar, 2007, ghall-habta tal-4.46am., waqt li kienet xoghol bhala Duty Officer fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, il-Furjana giet mitluba minn PC137 u PC 1567, stazzjonati il-Mobile (Squad), sabiex isir breatalyser test, wara li vettura kienet instabet fuq ic-Centre Strip ta' Triq Marina, Pieta'. In-numru tal-vettura kien GBC 739. Hi kienet talbet il-partikularitajiet lil Mathew Calleja u dan taha d-dettalji. Spjegatlu kif u ghaliex ried isir it-test u hu ssottometta ruhu ghat-test li ta' rizultat ta' 76ug fiz-zewg tests. Anness mall-Affidavit hi esebiet kopja originali tal-ezami li sar fuq dil-persuna. Hi hadet zball meta kienet qed tikteb informazzjoni u flok GBC 739 kitbet GBC 379.

Mill-Affidavit ta' **PC 127 Robert Galea** irrizulta ezatt dak li xehed PC 1567 Patrick Fenech. Meta xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-21 ta' Gunju, 2007, dan ix-xhud zied jghid li meta raw il-vettura Suzuki GBC 739 mahbuta goc-centre strip, nizlu jiccekkjaw ghandux bzonn xi haga u l-

appellant deher fi stat taht effett ta' alcohol. Ghamlulu breathalyser test fuq il-post u telghalu 79ug. Ittiehed gol-Kwartieri Generali tal-Pulizija.fejn sarlu t-tieni test li ta rizultat ta' 76ug. Dak il--hin fuq il-post hu kellem lil-appellant u dan ikkoopera mall-Pulizija imma ma kienx f' siktu u kien naqra xurban mil-mod kif beda jitkellem u kellu riha ta' xorb u kien jixxengel u jkarkar il-kliem.

**L-Ispettur Stephen Micallef** xehed li hu kien ipprezenta r-rizultat tal-breathalyser test (fol.8) quddiem l-Ewwel Qorti.

Ikkonsidrat

Illi mid-dokumenti a fol-6 u 10 tal-process (li huma identici) jirrizulta li l-istess dokument hu *printout* ta' "*Breath Alcohol Test Record"* li nhareg minn Lion intoxilyser 6000MT, serial number AO189 (MT. 1.01) u huwa *Test* number JJ/10240/074 mahrug is-Sibt 27 ta' Jannar, 2007 bl-isem tal-persuna koncernata indikat bhala Calleja Mathew u bin-numru tal-karta tal-identita 193786M u bil-konnotati kollha l-ohra li jaqblu ma dawk tal-appellant. Dan ir-record juri r-rizultat tat-*tests* li saru fid-Depot fl-4.48:45am u fl-4.49:34am li fiz-**zewg kampjuni** li ttiehdu kien ta rizultat ta' 76mg/100ml. Id-dokument huwa ffirmat mis-Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo.

Id-dokument a fol. 7 (bil-kopja safra tieghu a fol. 11) umbaghad hu r-rizultat miktub tal-ezami li sar fuq il-post fuq l-appellant, wara li hu ta l-kunsens tieghu biex dan ikun jista' jsir u jidher li ta rizultat ta' 79 mg/100ml. kif ukoll il-kunsens bil-miktub ghat-*test* tan-nifs fuq kampjun li sar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u li ta r-rizultat fuq imsemmi. Dan id-dokument hu ffirmat kemm mis-Surgent Maggur Marisa Bartolo u mill-appellant Matthew Calleja.

Ikkonsidrat;

Illi wiehed mill-aggravji tal-appellant hu li fuq id-dokumenti a fols 6, 7, 10 u 11 isem il-persuna li ssottomettiet ruha ghat-test gie miktub "Mathew" b' "t" wahda. Issa ghalkemm dan hu minnu fil-*print out* a fols 6 u 10 li huma

zewg kopji identici tal-istess *print out* tal-istess tests li sar d-depot, fid-dokument a fol 7 u l-kopja tieghu a fol 11 isem il-persuna koncernata fuq in-nofs tal-faccata tax-xellug tad-dokument inkiteb "Mathew" u fuq in-nofs tal-lemin tal-istess faccata nkiteb "Matthew", li skond l-appellant huwa l-isem korrett tieghu w l-isem li bih qed jigi citat.

Illi pero' fil-fehma ta' din il-Qorti dan ma jimporta ebda nullita' tat-tests li saru. Di fatti fin-nofs tal-lemin tad-dokument a fol. 7 u 11 fejn l-isem inkiteb sew hemm sahansitra *in calce* il-firma tal-appellant b' doppja "TT" u dan hu d-dokument fejn hu kien qed jiffirma li qed jaghti l-kunsens tieghu biex isirulu t-tests fid-Depot. Kwindi dan hu l-aktar dokument importanti u l-fatt li l-*print out* hareg b' "T" wahda ma jbiddel xejn ghax l-konnotati l-ohra importanti kollha jaqblu ma tal-appellant u ma hemmx dubju li dawn it-tests jirriferu ghal dawk li saru fuq l-appellant ftit tal-hin biss wara li nstab bil-car tieghu fuq ic-centre stip f' Tal-Pieta'. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

L-aggravju iehor li fuqu qed jakkampa l-appell tieghu l-appellant hu li dak li ma gewx segwiti l-formalitajiet li trid il-ligi meta saru t-tests relattivi.

Ikkonsidrat;

Illi pero’ jibda biex jintqal li l-ewwel imputazzjoni mhux bazata fuq xi rizultat ta’ *test* li sar fuq strument u tista’ tirrizulta pruvata anki minn depozizzjonijiet ta’ xhieda okulari li jkunu osservaw lis-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. F’ dan il-kaz hemm id-depozizzjoni mhux kontestata ta’ PC 137 Robert Galea li l-appellant kellu riha ta’ alcohol u ma kienx f' sikktu, jixxengel u jkarkar il-kliem. L-appellant ma xehedx biex jikkontradici jew jikkontesta dan u lanqas biex jispjega kif il-karozza misjuqa minnu spiccat fuq ic-centre strip ta' Marina Street, Pieta' f' dak il-hin kmieni filghodu, fatt li minnu nnifsu johloq dak li tissejjah "***presumption of fact*"** li minnha wiehed jista' legittimament jinferixxi li l-appellant ma kellux kontroll shih fuq il-vettura misjuqa minnu w li, abbinat mall-oservazzjonijiet ta' PC Galea , jindikaw b' mod qawwi li

dan seta' kien effett tax-xorb. Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel imputazzjoni ghandha tirrizulta pruvata.

Ikkonsidrat;

Li fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, li allura hi bazata fuq ir-rizultat tal-istrument li ntuza mill-Pulizija tal-Mobile Squad PC Galea u PC Fenech fuq il-post tal-incident u mis-Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, l-Furjana, u cioe’ l-Lion Intoxyliser 6000, kif jirrizulta mill-*printout* esebita, dan hu proprju l-istrument li jissemma fir-Regolament 2 tar-Regolamenti u l-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-1998 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) A.L. 129 tal-1998, kif emendati bl-Avviz Legali 366 tas-sena 2002, bhala dak li gie approvat mill-Ministru b’ Regolamenti skond l-artikolu 15E (1)(a) tal-Kap.65. Konsegwentement li l-istrument uzat f’ dan il-kaz hu l-istrument approvat mill-Ministru jirrizulta mill-istess ligi w ma hemmx ghalfejn issir il-prova tieghu quddiem Qorti, ghajr id-dokument innifsu esebit li gie ffirmat u konfermat bil-gurament mis-Surgent Maggur Bartolo.

Meta sar l-allegat reat u meta saru l-analizi tal-kampjuni tan-nifs u cioe’ <u>fis-27 ta' Jannar, 2007</u> , kien gja dahal in vigore l-Avviz Legali 418 tas-sena 2004 li gie pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fl-24 ta’ Settembru, 2004.

Issa, fil-waqt kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-Sentenza “**Il-Pulizija vs. David John Schembri**” [4.11.2004], li ghalkemm skond l-artikolu 15E (3) (a) kampjuni tan-nifs jistghu jinhtiegu li jinghataw fi jew hdejn il-post fejn issir it-talba ghalihom , jew f’ ghassa tal-Pulizija , jew fic-centru tas-sahha jew sptar u hija <u>l-analisi</u> ta’ xi kampjun li skond is-subartikolu (5) ghandu jsir f’ laboratorju li jigi approvat b’ ordni tal-Ministru li jigi pubblikat fil-gazzetta u fis-sentenza ta' din il-Qorti : “**Il-Pulizija vs. Etienne Turner”** [6.6.2003] gie ritenut li :-

*“Huwa veru li l-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 15E <u>donnhom jaghmlu distinzjoni</u> bejn il-kampjun tan-nifs (fejn jissemma espressament <u>l-istrument</u> li bih*

*dawn il-kampjuni ghandhom jigu analizzati) u l-kampjun tad-demm u z-zewg kampjuni tal-urina (fejn jinghad li dawn ghandhom jigu analizzati " …fil-laboratorju…") . Pero' jekk wiehed jara l-Avviz Legali relattiv , ir-regolamenti jissejhu proprju "Regolamenti dwar Strumenti u Laboratorji ghat-Testijiet tan-Nifs" (sottolinear tal-Qorti) . Apparti li dawn ir-Regolamenti kellhom proprjament jirriferu ghall-"analizi" u mhux "testijiet" , l-emfasi kjarament qeghda fuq "in-nifs" u ghalhekk kwalsiasi dubbju li seta' kien hemm dwar jekk l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs ghandhiex issir ukoll fil-laboratorju approvat mill-Ministru tnehha mill-istess legislatur. Konsegwentement l-analizi maghmula mill-Ispettur Camilleri f' dan il-kaz ma saritx skond il-ligi ghax ma saritx fil-post stabilit mill-ligi."*

u allura l-Qorti kienet osservat ukoll li skond it-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 366/2002 fuq imsemmi, l-analizi riedet issir fil-Laboratorju Nazzjonali ta' Malta , Evans Buildings, Triq Merkanti , Valletta, kif pero' gie ritenut fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Simon Ellul Sullivan"** [14.12.,2005], illum il-pozizzjoni hija differenti ghaliex skond ir-Regolament 4(1) tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Testijiet tan-Nifs (Strumenti u Laboratorji) , il-post fejn ikun jinsab l-istrument ossia il-Lion Intoxilyzer 6000-220/240 volts, intiz biex fuqu jsir l-analizi taz-zewg kampjuni tan-nifs skond l-artikolu 15E(1)(a), ghandu ghall-finijiet ta' l-artikolu 15E(5) ta' l-Ordinanza, ikun konsidrat bhala laboratorju. Hija **biss** l-analizi ta' kampjuni tad-demm u/jew tal-urina skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 15E(1)(b) li ghandha ssir fil-laboratorji stabiliti fit-Tielet Skeda, ossia il-Malta National Laboratory , Evans Buildings , Merchants Street, Valletta.

Ghalhekk kienet in regola s-Surgent Maggur 45 Marisa Bartolo meta hadet il-kampjuni tan-nifs ghal darbtejn u harget ir-rizultat tal-analisi taghhom fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn kien jinstab l-istrument fuq imsemmi w ma kienx mehtieg li din l-analisi ssir fil-Laboratorju Nazzjonali. Kwindi anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghalkemm ma hemmx aggravju dwar il-piena *"ut sic"* jigi osservat li ghab-bazi tal-fatt li nstabet htija tal-ewwel imputazzjoni skond l-artikolu 15A u ta' dak li jippreskrivi l-artikolu 15H (1) (a)  (2) tal-Kap.65, fil-kaz tal-ewwel kundanna, l-multa minima hi dik ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltin (LM200) u s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan trid tkun ghal periodu ta' mhux inqas minn sitt xhur, li hi proprju l-piena minima mandatorja li giet erogata mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b' dan li l-periodu tas-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant ghandha tibda tiddekorri minn-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------